MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru. 331/2006

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Doreen sive Maria Dolores Bugeja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Doreen sive Maria Dolores Bugeja nee` Bartolo ta' 31 sena, mart Raymond, bint Andrew u Petra nee` Cassar, imwielda Pieta` nhar id-9 ta' Awwissu 1974, residenti Flat 2, Testaferrata, Gzira, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 474274(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Awwissu 2004 u fit-tlett gimghat ta' qabel din id-data:

Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuha lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fl-istess seduta, l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba u terga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront taghha.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien li gie kommess ir-reat in kwistjoni, li hija wahda pjuttost refrattarja u tinkludi diversi kundanni dwar fil-maggoranza tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u pussess semplici ta' droga eroina. Dwar dan l-ahhar reat, l-imputata inghatat minn liberazzjoni kundizzjonata (f'okkazzjoni wahda fis-sena 1998), Ordni ta' *Probation* (fi tlett okkazzjonijiet fis-snin 1993, 1994 u 2002) u piena ta' multa (fis-sena 1999) sa piena ta' prigunerija sospiza (fis-sena 1998) u piena ta' prigunerija effettiva (f'zewg okkazzjonijiet fis-sena 1998).

Illi mill-atti tal-inkjesta relattiva jirrizulta wkoll illi d-droga misjuba kienet tikkonsisti f'zewgt iqratas, kontenenti piz nett totali ta' trab ta' 0.364 grammi, f'liema trab instabet is-sustanza eroina.[1]

[1] A fol. 13 tal-*proces verbal*, li jinsab esebit a fol. 18 tal-process. Ara wkoll xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, a fol. 25 u 26 tal-process.

Il-Qorti min-naha l-ohra qieset ukoll ix-xhieda ta' **Vicky Scicluna**, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, li qalet illi fil-prezent l-imputata qeghda tistenna biex tidhol fi programm ghar-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga u li l-*Prison Board* qed jistenna illi jifdal tminn xhur mis-sentenza li qeghda tiskonta l-imputata fil-prezent, sabiex hija tkun tista' tidhol fil-programm. Dan ghandu jsehh f'Lulju 2014. Ix-xhud spjegat illi wara hafna snin b'vizzju ferm akut ta' droga, l-imputata bdiet tirriforma u kienet anke nghatat koncessjoni sabiex izzomm maghha fil-programm, it-tarbija li hija welldet waqt li kienet qeghda taghmel l-istess programm. Ghall-imputata, kien xokk kbir meta kellha tinqata' minn mat-tarbija taghha sabiex tidhol tiskonta sentenza gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u llum ghandha genn biex terga' tkompli minn fejn halliet mat-tarbija taghha. Skond l-istess xhud, l-imputata mxiet il-quddiem u ghamlet passi kbar u jidher illi l-imputata baqghet *clean* anke gewwa l-habs, tidher tajba u qeghda tistenna bil-herqa sabiex terga' tidhol fil-programm.[2]

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx piena idonea. Jidher illi l-imputata qeghda taghmel sforz genwin sabiex taqbad it-triq it-tajba u tkompli tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga u l-Qorti tittama illi la darba tiskonta l-piena taghha, hija tkompli fil-programm bl-istess determinazzjoni li qeghda turi llum. Stante illi fil-prezent l-imputata qeghda tigi segwita minn rapprezentanti tal-Agenzija Sedqa u Caritas biss b'mod volontarju, il-Qorti tqis illi jkun ghaqli illi tqieghed lill-imputata taht Ordni ta' *Probation* bl-ghan illi fl-ewwel lok, timponi fuqha bhala kundizzjoni *inter alia* illi hija tidhol fil-programm u tlestih u fit-tieni lok, tibqa' tigi segwita ghal xi zmien, anke wara li hija tiggradwa mill-istess programm.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-

[2] A fol. 65 sa 67 tal-process.

Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tqieghdha taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u lid-Direttur tal-Habs, fil-waqt illi terga' tigbed l-attenzjoni tal-istess Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-imputata tinghata l-opportunita` li tiddahhal fi programm sabiex tkompli bir-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga u dan mill-aktar fis possibbli.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti fl-atti tal-process verbal numru 1400/04 redatt mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Lawrence Quintano u maghluq fit-12 ta' Ottubru 2004, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi r-reati odjerni jirreferu ghas-sena 2004 u l-ispejjez li saru fil-kawza jirreferu lkoll ghal spejjez konnessi ma' esperti li tqabbdu fl-istadju tal-inkjesta relattiva, il-Qorti m'hijiex ghalhekk qeghda tordna lill-hatja sabiex thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-istess esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------